# XI INNIJIET TA' DUN KARM

*Ta'* PAWLU CARUANA, B.A.

Ir-raħal li tana lil Mikiel Anton Vassalli, missier l-Ilsien Malti, jiftaħar ukoll b'ieħor minn uliedu, Dun Karm Psaila, missier il-poeżija Maltija.

Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871. Ta' 13-il sena daħal is-Seminarju ta' l-Imdina u disa' snin wara ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Mejju 1894. Is-sena ta' wara, laħaq surmast is-Seminarju tal-Furjana, fejn għal madwar 26 sena għallem suġġetti diversi fosthom il-Latin, it-Taljan, l-Ingliż, l-Aritmetka, l-Istorja tal-Knisja u l-Arkeoloġija. Fil-31 ta' Mejju 1921 ġie magħżul assistent Direttur tal-Bibljoteka Pubblika u sentejn wara eżaminatur tat-Taljan fl-Università Rjali. B'xhieda tal-ħidma tiegħu fil-kamp letterarju, fl-1 ta' Ottubru 1945 ġie onorat mill-istess Università bl-ewwel dottorat tal-letteratura (Hon. Causa) u għall-mertu tax-xogħol tiegħu fil-qasam reliġjuż ġie nominat Monsinjur Onorarju.

Xejn inqas ħabrieka ma kienet il-karriera letterarja tiegħu. Fl-ewwel taqsima tagħha, Dun Karm kien mitfugħ biss fuq il-kitba tal-poeżija bit-Taljan. Dan ma jfissirx li ma kienx igħożż ilsien art twelidu, għax hu stess jistqarr l-imħabba li dejjem kellu lejh; imma mtella' kif kien fl-atmosfera letterarja u kulturali ta' żmienu kien għadu ma għarafx xi frott jista' jrodd f'idejn imgħallem tajjeb. Fl-1896 meta kellu biss 25 sena, stampa ktieb ta' poeżiji bit-Taljan, "Foglie d'Alloro", li jurina kemm Dun Karm kien tassew ġenwin u kif irnexxielu jaħkem hekk tajjeb mhux biss il-forma esterna imma wkoll ir-ruħ tal-lingwa Taljana. Huwa ssokta jippubblika poeżiji oħra f'rivisti Maltin u Taljani, fosthom "La Palestra del Seminario", "Malta Letteraria", "La Diocesi", "L'Amico dei Giovani" u oħrajn. Fost il-poeżiji bit-Taljan li jistħoqqilhom tifħir għan-naturalezza ta' l-ispirazzjoni, għar-rikkezza fl-istil, u għas-sengħa fit-teknika huma "Cristo", "Viticoltura", "L'Alpinista", "Agricoltura", "Risveglio", "T'Adoriam Ostia Divina" u "A Maria Immacolata". Dun Karm qala' wkoll it-tifħir ta' kittieba Maltin u Taljani, fosthom l-Avukat Giovanni Curmi, Oreste Ferdinando Tencaioli, Giovanni Eliseo del Ricco, Ettore Rossi, Mons. Ariste, Isqof ta' Arcireale, u ta' Mons. Bignami, Isqof ta' Sirakuża li sejjaħ lil Dun Karm "Lo Zanella Maltese".

Jekk Dun Karm kiseb post minn ta' quddiem fl-istorja tal-poeżija Taljana f'Malta, ġieh isbaħ u ogħna jistħoqqlu fil-poeżija Maltija. Bir-raġun kollu nsejħulu Missier il-poeżija Maltija u l-poeta Nazzjo-

nali tagħna għax hu kien li refa' lill-poeżija Maltija f'livell letterarju għoli, u hu tana l-aqwa poeżiji patrijottiċi kif ukoll l-Innu Nazzjonali tagħna. Kien fl-1911 li Dun Karm għat-talba ta' Mons. Paolo Galea u tal-Kav. Ġ. Muscat Azzopardi, kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti — "Quddiem xbieha tal-Madonna" — u minn dik in-nhar baqa' jikteb poeżiji bil-Malti b'suċċessi dejjem ikbar. Dan narawh b'mod speċjali mill-poeżiji kbar tiegħu bħal ma huma "Il-Jien u Lilhinn Minnu", "Il-Musbieħ tal-Mużew", "Non Omnis Moriar", "Il-Għanja tar-Rebħa", u t-traduzzjoni tal-Karme Taljan "I Sepolcri". Nistgħu ngħidu li l-poeżija bil-Malti ta' Dun Karm sebqet lill-poeżija tiegħu bit-Taljan għax l-istess kwalitajiet u motivi li kienet mogħnija bihom il-poeżija tiegħu bit-Taljan, Dun Karm beda jħaddimhom b'effett aqwa fil-poeżija Maltija fejn ħassu li hemm kien qiegħed tassew jaħseb u jikteb ta' Malti u għall-poplu Malti. Fost dawn il-preġji poetiċi nammiraw in-naturalezza fl-ispirazzjoni, id-dixxiplina fis-sentimenti u fl-emozzjonjiet, iċ-ċarezza fil-ħsebijiet, fl-espressjonijiet u fid-deskrizzjonijiet, id-dinjità fl-istil u fir-ritmu, ir-reqqa u l-varjetà fit-teknika — kwalitajiet li jagħmlu lil Dun Karm poeta ta' tempra eminentement klassika.

Fost il-motivi tal-ispirazzjoni ta' Dun Karm tnejn l-iktar li jispikkaw fuq l-oħrajn: il-motiv patrijottiku u l-motiv reliġjuż. Il-patrijottiżmu ta' Dun Karm mhux patrijottiżmu fieragħ u esaġerat, dak li bl-Ingliż jissejjaħ "jingoism", imma mħabba sinċiera u kostanti lejn art twelidu, kif jixhduhulna l-aħjar fost il-poeżiji patrijottiċi tiegħu, "L-Għanja tar-Rebħa", "Lil Malta fuq il-Fruntiera", "Nhar it-VIII ta' Settembru", "E-Boats", "Lill-Bandiera Maltija" u "L-Innu Malti".

Anki l-poeżija reliġjuża tiegħu hija ħielsa minn dik ix-xejra konvenzjonali u artifiċjali li x'aktarx issibha f'poeżiji li jittrattaw suġġetti reliġjużi. Fiha ma nsibux dik il-ħeġġa esaġerata u fl-istess ħin artifiċjali, imma sentimenti dixxiplinati u sodi, Fidi u raġuni msebħin flimkien f'armonija kbira. Poeżiji bħal ma huma "Il-Jien u Lilhinn Minnu", "Il-Monument", "Lil Kristu Sultan", "Lill-Knisja", "Mater Purissima", "Żjara lil Ġesù Sagramentat", jistgħu joqogħdu fil-wisa' ħdejn poeżiji reliġjużi ta' poeti kbar barranin.

Dun Karm mhux biss tana l-aħjar poeżiji reliġjużi imma wkoll l-ogħla innijiet popolari reliġjużi. Qabel ma Dun Karm kiteb dawn l-innijiet, il-poplu Malti kien għad linqas kellu biex jesprimi s-sentimenti reliġjużi tiegħu: Dun Karm għaraf jgħaqqad b'sengħa kbira l-espressjonijiet ta' qalb saċerdotali u s-sentimenti reliġjużi tal-poplu Malti. L-iktar magħrufa fost dawn l-innijiet huma "L-Innu ta' Filgħodu", "L-Innu ta' Filgħaxija", l-innu Marjan "Fil-Ħlewwa ta'

Mejju" u ż-żewġ innijiet Kristoloġiċi "Tina l-Ħlewwa" u "Nadurawk". F'dawn l-innijiet tolqotna s-sempliċità tal-ħsebijiet, il-ħlewwa tar-ritmu u l-armonija bejn il-kliem u l-mużika. Tassew nistgħu ngħidu li l-poeta u l-mużiċista fehmu hekk tajjeb lil xulxin li wieħed donnu interpreta s-sentimenti ta' l-ieħor. L-ewwel erba' innijiet Dun Karm kitibhom fl-1927 meta Mons. Ferris kien Ministru ta' l-Edukazzjoni, u ġew immużikati mis-Surmast Ġużeppi Caruana biex jitkantaw mit-tfal ta' l-iskola. Kienet xewqa ta' Dun Karm li dawn jerġgħu jidħlu fl-iskejjel.

Fl-"Innu ta' Filgħodu", Dun Karm jiddedika l-ġurnata 'l Alla u jfisser is-sentimenti ta' ferħ u ringrazzjament li t-tfal igħollu lis-Sid tal-ħolqien. F'dan l-innu Dun Karm iħaddem b'sengħa kbira l-element deskrittiv u joħloq żewġ kwadri tassew poetiċi: Alla Sultan u Alla Missier tal-Ħolqien.

Iktar espressiv u emozzjonali huwa l-"Innu ta' Filgħaxija". Bħal fl-"Innu ta' Filgħodu", il-poeta jirringrazzja 'l Alla tal-ġurnata li għaddiet u bi kliem sempliċi imma ħiereġ mill-qalb jitolbu jżomm idejh fuq il-ħolqien kollu. Anki f'dan l-innu, il-ġmiel tan-natura donnu jisraq qalb il-poeta u jgħolliha 'l fuq lejn is-smewwiet.

Jekk lil Alla Dun Karm jiddedikalu l-ġurnata, lill-Madonna jerfgħalha l-isbaħ xahar tas-sena — Mejju. Sinċiera u emozzjonali fl-ewwel żewġ strofi, l-ispirazzjoni fl-innu "Fil-Ħlewwa ta' Mejju" fit-tieni parti fejn il-poeta f'deskrizzjoni tassew pittoreska imma bierda, iqabbel is-sbuħija tal-Madonna mal-ġmiel tal-ħolqien.

L-isbaħ żewġ innijiet ta' Dun Karm li jitkellmu fuq Kristu huma bla dubju ta' xejn "Tina l-Ħlewwa" u "Nadurawk". Fl-ewwel wieħed Dun Karm ifisser l-imħabba li Ġesù wriena permezz ta' l-Inkarnazzjoni u tal-Passjoni tiegħu. Dan l-innu ma jitlobx deskrizzjonijiet u xbihat imlewna imma ftit ħsebijiet sempliċi u espressivi.

Aqwa kemm bħala produzzjoni poetika kif ukoll bħala kompożizzjoni mużikali huwa l-innu "Nadurawk", fejn il-poeta jurina l-imħabba ta' Ġesù lejna mill-Ewkaristija. Oriġinarjament kien miktub bit-Taljan għall-okkażjoni tal-Kongress Ewkaristiku Internazzjonali li sar hawn Malta fl-1913. Dan l-innu kien ukoll immużikat mis-Surmast Ġużeppi Caruana biex jitkanta mit-tfal. Kien suċċess kbir. Mons. Bignami mal-i semgħu qal lil Dun Karm "così si canta in paradiso" u s-segretarju ta' Mons. Ariste ħa kopja miegħu Acireale fejn ġie stampat, kif ukoll f'Palermo, Ruma u postijiet oħra. Saru traduzzjonijiet tiegħu bl-Ispanjol, bil-Portugiż, bl-Ingliż u fl-1924 Dun Karm tana l-verżjoni tiegħu bil-Malti.